MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Numru. 414/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**PETER TESTAFERRATA MARONI VIANI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Peter Testaferrata Maroni Viani, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 314292M.

**Akkuzat talli:**

Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta` Awissu 2013, ghal habta tal-hamsa nieqes kwart ta` filghodu (04:45hrs) fi Triq in-Naxxar, Birkirkara saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni TMV692:

1. Meta b'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Alexi Mladenonv skont kif iccertifika Dr. Daniel Vernai, M.D. mill-isptar Mater Dei.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;
Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 216 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-Fedina Penali netta tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti taghmel referenza ghal *patient certificate form* mahrug minn Dr. Daniel Vernai, M.D., fejn juri li xhud Bladinoff qed ibati minn feriti meqjusa bhala gravi u ghaldaqstant tezentah milli ttellaw xhud.

Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma fadalliex aktar provi anke wara li giet infurmata bil-vari tentattivi taghha sabiex tikkuntatja lil Alexi Mladenonv, *sia* bl-indirizz kif ukoll bit-telefon, kien ghalxejn.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tillibera lill-imputat mill-akkuza dedotta kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------